TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 414/11/GZ

**Charlene Farrugia**

**vs**

**Woman 2000**

Illum 18 ta' April 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmienja u hamsin Ewro (€58.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal par qalziet, li suppost kien jinkludi *'multi-functional pedometer and body fat analyzer'*, pero' li liema *'pedometer'* kien nieqes mill-kaxxa.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet marret tixtri par qalziet minghand is-socjeta' ntimata, fejn is-salesgirl kienet informatha illi hija setghat tixtri wkoll il-*'pedometer'* mal-qalziet, minghajr ma ghamlet referenza ghall-kaxxa ta' l-istess qalziet. Meta r-rikorrenti wasslet id-dar, hija rrealizzat li fuq il-kaxxa kien hemm miktub li l-*'multi-functional pedometer and body fat analyzer'* kien inkluz fil-pakkett. Ghalhekk ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata, fejn intqal lir-rikorrenti li l-qalziet ma kienx qed jinbiegh fil-kaxxa originali tieghu ghaliex ma kellhomx u li kellha thallas zieda ta' dsatax-il Ewro (€19.00) ghall-*'pedometer'*. Ghalhekk, ir-rikorrenti baghtet e-mail lis-suppliers tas-socjeta'

ntimata fejn qaltilhom dak li kien gara. Ir-risposta kienet illi l-pakkett tal-qalziet kellu jinbiegh ghall-prezz ta' tnejn u sebghin Ewro (€72.00). Pero', ir-rikorrenti xtrat il-qalziet ghal tmienja u hamsin Ewro (€58.00) u li kieku ziedet l-ammont ta' dstatax-il Ewro (€19.00), it-total kien ikun ta' sebgha u sebghin Ewro (€77.00) u mhux ta' tnejn u sebghin Ewro (€72.00).

Ir-rikorrenti qed titlob li tinghata l-*'body fat analyzer'* minghajr hlas, jew li taghti lura l-qalziet lis-socjeta' ntimata u tigi rifuza l-ammont ta' tmienja u hamsin Ewro (€58.00), la darba ma gietx provduta bl-oggetti hekk skond id-dettalji fuq il-kaxxa.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuta fiskali, datata 25 ta' Lulju 2011, ghall-ammont ta' tmienja u hamsin Ewro (€58.00); kopji tal-istampi li kien hemm fuq il-kaxxa in kwistjoni; u kopja ta' l-e-mail li baghtet lis-suppliers lis-socjeta' ntimata flimkien mar-risposta taghhom.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid ukoll illi issa lahqet ghamlet uzu mill-qalziet in kwistjoni.

Ir-rikorrenti ezebiet il-qalziet flimkien mal-kaxxa *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara l-osservazzjoni illi huwa ben saput illi meta jkun hemm offerta fuq prodott, il-prezz ikun wiehed inqas minn jekk wiehed jixtri l-prodotti separatament u cioe' minghajr l-offerta', u li kien ghalhekk illi l-prezz tal-*'pedometer'* wahdu kien wiehed ghola mill-prezz tal-*'pedometer'* flimkien mal-qalziet; fid-dawl ta' l-email ezebita u datata 29 ta' Lulju 2011 mibghuta minghand CROTTON, S.A. Anthony J. Vlahides Export Manager, lir-rikorrenti, minn fejn jirrizulta b'mod car illi kienet intuzat il-kaxxa zbaljata u mhux li r-rikorrenti kienet inghatat xi haga inqas minn dik li kienet hallset ghaliha, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**